SAN GILJAN
# KUMITAT AMMINISTRATTIV PACEVILLE
**Triq Forrest, San Giljan, STJ 2033**
Tel: 21373111 Fax: 21373444
**email:** sangiljan.lc@gov.mt

Rif Minuti 18/KA2/16

**Nru tal-laqgħa minn 12/07/10 – 12/04/16** **59**

**Nru ta' seduti minn 12/07/10 – 12/04/16** **69**

**Nru ta' Laqgħa Pubblika minn 10/01/11 – 28/01/16** **07**

## 1. Introduzzjoni

1.01 Minuti tal-laqgħa li saret nhar il-Tlieta 12 ta' April 2016.

1.02 Il-Kumitat Amministrattiv Paceville iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, Triq Forrest, San Ġiljan, fil-5.00p.m.

1.03

| Isem | Kariga | Inizjali | Preżenza |
|---|---|---|---|
| Albert Bonello Ghio | Ċermen | ABG | Preżenti |
| Micheal La Rosa | Viċi Ċermen | MLR | Preżenti |
| Joseph Oliva | Membru | JO | Preżenti |
| Maria Dolores Falzon | Membru | MDF | Preżenti |
| Richard Scicluna | Membru | RS | Assenti |
| Guido Dalli | Sindku | GD | Preżenti |
| Paul Spiteri | Segretarju Eżekuttiv | PS | Preżenti |
| Marilyn Cassar | Skrivana | MC | Preżenti |

1.04 Preżenza tal-Pubbliku :- (0)

1.05 Iċ-Ċermen ippresieda l-laqgħa.

## 1.1 Talba

1.1.01 Inqrat it-Talba.

## 1.2 Aġenda

1.2.01 Il-Kumitat mexa' fuq l-avviż li ġie ppubblikat fis-6 t'April 2016. L-Aġenda kienet hekk:

1. Approvazzjoni ta' Minuti
2. Korrispondenza
3. Eżitu tal-Laqgħa mat-Transport Malta
4. Komunikazzjoni miċ-Ċermen
5. Approvazzjoni għall-Pagamenti tal-Kontijiet
6. Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets
7. Aġġornament tal-laqgħa

**1.3 Approvazzjoni ta' Minuti**

1.3.01 Iċ-Ċermen ressaq il-Minuti 17/KA2/15 u ppropona l-approvazzjoni tagħhom.

1.3.02 Il-Viċi-Ċermen Micheal La Rosa ssekondah.

1.3.03 Il-Kumitat qabel unanimament.

**2 Korrispondenza**

2.01 Fuq il-mejda tal-konferenza tqegħdet il-korrispondenza li nqrat miċ-Ċermen. Dawn huma:-

**Rif. Nru. Korrispondenza**

P113 Email mingħand Transport Malta dwar il-laqgħa fir-rigward it-*Traffic Management* ta' Paceville.

P123 Email mingħand is-Sur Marcello Sallemi dwar parkeġġ ħażin fi Triq Ball.

**Fost l-ittri li nqraw ġew diskussi:-**

**Rif. Nru. P123**

2.02 Saret riferenza għall-email mingħand is-Sur Marcello Sallemi dwar parkeġġ ħażin fi Triq Ball. Ġie deċiż unanimament li tintbagħat ittra lil-LESA filwaqt li jiġu mgharrfa l-Pulizija.

2.03 Is-Sur Sallemi għandu jigi nfurmat li *bollards* ma jistgħux isiru iżda l-ilment tiegħu ġie mgħoddi lill-Awtoritajiet kkonċernati għall-attenzjoni tagħhom.

**3. Eżitu tal-Laqgħa ma' Transport Malta**

3.01 Il-Kumitat ġie nfurmat li l-ittra bit-talbiet li ġew diskussi waqt il-laqgħa li kienet saret ma' Transport Malta ntbagħtet.

3.02 Il-Membru Joe Oliva talab kopja tal-ittra li ntbagħtet.

**4. Kommunikazzjoni miċ-Ċermen**

4.01 Ġie deċiż unanimament li tintbagħat ittra lis-Sur Karl Gouder fejn jiġi rringrazzjat għas-servizz siewi li ta lill-komunita` ta` San Ġiljan kif ukoll ta‘ Paceville u jiġi awgurat kull suċċess għal-kariga l-ġdida tiegħu.

4.02 Iċ-Ċermen awgura kull suċċess lis-Sindku l-ġdid is-Sur Guido Dalli.

4.03 Is-Sindku s-Sur Guido Dalli ġie skużat fil-5.30p.m.

4.04 Il-Viċi-Ċermen informa lill-Kumitat Amministrattiv li l-iskart domestiku fi Triq Ball qed jinġabar fis-sebgħa u kwart ta` filgħodu filwaqt li l-borża l-griża qed iddum ħafna ma' tinġabar.

4.05 Il-Kumitat qabel unanimament li jitwaħħlu *stickers* bl-informazzjoni dwar il-ġbir tal-iskart fil-*flats.*

4.06 Il-Membru Joe Oliva nforma lill-Kumitat li fi Triq Paceville, ħdejn il-Lombard Bank qed jintrema l-iskart l-ħin kollu, speċjalment skart tal-istabilimenti tal-viċinanza. Wara diskussjoni qasira, ġie deċiż unanimament li tintbagħat ittra lill-Pulizija sabiex jintgħalab il-*footage* tal-*cameras* tal-Lombard Bank biex b'hekk jinqabdu n-nies li qed jarmu l-iskart.

4.07 Il-Kumitat qabel unanimament li għanda tintbagħat ittra lill-DiveWise.com sabiex il-baga titpoġġa f'post ieħor skond il-liġi, peress li din tinsab fejn jgħum il-pubbliku.

4.08 Il-Kumitat ġie preżentat b'kopja tar-Rapport Finanzjarju sal-31 ta‘ Marzu 2016 (Ara Appendiċi 'A').

4.09 Is-Segretarju Eżekuttiv ta spjegazzjoni ta‘ dan ir-rapport.

4.10 Iċ-Ċermen ippropona l-approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju sal-31 ta‘ Marzu 2016.

4.11 Il-Viċi-Ċermen Micheal La Rosa ssekondah.

4.12 Il-Kumitat qabel unanimament.

**5 Approvazzjoni għall-Pagamenti tal-kontijiet**

5.01 Iċ-Ċermen ressaq il-pagamenti tal-kontijiet u ppropona l-approvazzjoni tagħhom (Ara Appendiċi 'B').

5.02 Il-Viċi-Ċermen Michael La Rosa ssekondah.

5.03 Il-Membru Joe Oliva u l-Membru Maria Dolores Falzon astjenew minħabba li ma jridux jieħdu responsabilita' fuq il-pagamenti u minħabba li għandhom d-dubju fuq il-kwalita' tax-xogħol.

5.04 Il-pagamenti ġew approvati.

**6 Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets**

6.01 Iċ-Ċermen ressaq il-Purchase Request Sheet minn nru. 390 sa nru. 396 għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi 'Ċ')

6.02 Il-Viċi-Ċermen Michael La Rosa ppropona l-approvazzjoni tagħhom.

6.03 Il-Membru Joe Oliva ssekondah.

6.04 Il-Kumitat qabel unanimament.

**7. Aġġornament tal-laqgħa**

7.01 Ġie deċiż unanimament li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tlieta 10 ta' Mejju 2016 fil-5.00p.m.

7.02 Il-laqgħa ntemmet fis-5.40p.m.

**IFFIRMATA**

**Albert Bonello Ghio**
**Ċermen**

**Paul Spiteri**
**Segretarju Eżekuttiv**